MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tas-6 ta' Dicembru, 2010

Talba Numru. 1136/2010

**GO PLC (C-22334)**
**Vs**
**Giancarlo Di Grandi (K.I. 33006A)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li permezz tieghu s-socjeta’ attrici talbet hlas ta’ elf, mitejn u erbghin ewro u sebgha u hamsin centezmu (€1,240.57) rapprezentanti bilanc ta’ prezz dovut mill-istess konvenut lis-socjeta’ attrici ghal servizzi ta’ telefonija bin-numru 21383829 skont kif jirrizulta minn dokument ‘A’ anness mat-talba.

Il-konvenut interpellat diversi drabi sabiex ihallas baqa’ inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez, u bl-imghax legali mid-data ta’ l-ahhar pagament u cioe’ mit-8 ta’ Frar, 2008, kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra mill-atti li l-konvenut baqa’ ma pprezentax ir-risposta ghalkemm debitament notifikat u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra li gie pprezentat kapitolu fil-konfront tal-konvenut fit-22 ta’ Novembru, 2010 mill-Prokuratur Legali Noel Scerri u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih, u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

Illi it-Tribunal jidhirlu li l-konvenut naqas milli jipprova l-kaz tieghu quddiem dan it-Tribunal.

Fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa’ t-talba attrici bl-ispejjez u l-interessi skont il-ligi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------